MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 584/2003

**Dorothy Baldacchino bħala legittima rappreżentanta ta' binha minuri Wallace Vella u b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2009, Wallace Vella assuma l-atti fil-kawża stante li sar maġġorenni**

**vs**

**Joseph Vella u Miriam sive Mary Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-Ċitazzjoni tal-atturi ppreżentata fl-10 ta' Ġunju, 2003 li biha ppremettew u għamlu s-segwenti talbiet:

*"Illi l-minuri Wallace Vella huwa iben Dorothy Baldacchino u l-mejjet Fortunato Vella kif jirriżulta mill-anness ċertifikat immarkat Dok A;*

*Illi Fortunato Vella miet fit-8 ta' Diċembru 2001, u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat immarkat Dok. B;*

*Illi l-mejjet Fortunato Vella kien ħalla testment, fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon, liema testment kien ġie magħmul fid-9 ta' Jannar 2001;*

*Illi l-konvenuti huma l-werrieta u eredi tal-mejjet Fortunato Vella;*

*Illi l-mejjet Fortunato Vella, ma ħalla xejn lil ibnu Wallace Vella fit-testment fuq indikat;*

*Illi skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodici Ċivili, il-minuri Wallace għandu dritt għal-leġittima;*

*Illi minkejja diversi interpellanzi mingħand l-attur għal-likwidazzjoni u ħlas ta' sehmu, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

1. *Tiddikjara li l-minuri Wallace Vella bħala iben il-mejjet Fortunato Vella għandu d-dritt għal-leġittima mill-ġid li ħalla l-mejjet Fortunato Vella;*

2. *Tillikwida sehem spettanti lill-minuri Wallace Vella bħala leġittima;*

3. *Tikkundanna l-konvenuti jassenjaw u/jew iħallsu lil minuri Wallace Vella jew lill-kuraturi tiegħu s-sehem hekk kif likwidat hawn fuq.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2003 fejn eċċepew:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-attriċi nomine kellha ġġib il-provi legali:*

   *(i) Li hi għandha r-rappreżentanza leġittima ta' binha minuri, skont il-liġi; u*

   *(ii) Li hi kellha d-dritt li tipproponi din il-kawża.*

   *Illi peress li l-attriċi naqset milli ġġib dawn il-provi mal-preżentata taċ-ċitazzjoni, l-istess ċitazzjoni hija irrita u nulla u għalhekk l-istanza għandha tiġi miċħuda u l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, iċ-ċitazzjoni hija monka u kwindi nulla, billi tivvjola d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 156(2)(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Procedura Ċivili. Dana peress illi:*

   *(a) Naqset milli ġġib il-provi dokumentarji rikjesti mil-liġi, dwar it-testment jew testmenti tad-decujus, li jistgħu jirregolaw is-suċċessjoni tiegħu; u*

   *(b) Naqset milli tiddikjara dwar kull xhud li indikat, xi prova bi ħsiebha tagħmel bix-xhieda tiegħu;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju, għall-eċċezzjonijiet preċedenti, iċ-ċitazzjoni hija nulla billi, fil-premessi taċ-ċitazzjoni, tonqos il-kawżali illi t-testment imqiegħed abbażi tal-pretensjonijiet attriċi huwa fil-fatt it-testment li jirregola s-suċċessjoni tad-decujus Fortunato Vella. Tonqos ukoll il-prova dokumentarja relativa;*

*Illi inoltre l-attriċi nomine naqset li tindika it-tip partikolari ta' leġittima li qed tippretendi f'din l-istanza u fuq il-bażi ta' liema artikolu tal-Kodici Ċivili qed tibni l-pretensjoni tagħha. Illi dan jirrendi ċ-ċitazzjoni de quo monka u kwindi irritwali;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-attriċi noe naqset milli tintavola domanda speċifika li permezz tagħha titlob il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decujus Fortunato Vella, liema domanda hija preordinata u neċessarja sabiex evetwalment setgħet tiġi stabbilita il-leġittima li tifforma l-meritu tad-domanda numru tnejn tal-attriċi nomine.*

   *Illi minħabba f'dan, l-istanza hi proċeduralment insostenibbli u irritwali u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, fil-meritu jirriżulta illi l-wirt ta' Fortunato Vella ma kellu ebda beni (xejn attiv iżda biss passività). Dwar dan, l-attriċi nomine kienet ġiet debitament informata żmien qabel ma ġiet preżentata l-kawża u għalhekk, din l-istanza ġiet preżentata inutilment. Id-domandi attriċi għandhom għalhekk jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, għal kull buon fini, għall-iskopijiet partikolari ta' din il-kawża, u għal kull fini u effett tal-liġi, jiġi dikjarat illi riċentement irriżulta lill-eċċipjenti illi l-attriċi nomine irċeviet mingħand id-decujus beni, benefiċċji u ammonti sostanzjali, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

**<u>IL-KWISTJONI</u>**

L-attur Wallace Vella qiegħed jitlob li bħala iben il-mejjet Fortunato Vella jiġi dikjarat li għandu d-dritt ghal-legittima mill-ġid li ħalla l-mejjet Fortunato Vella. Min-naħa tagħhom, il-

konvenuti Joseph Vella u Miriam sive Mary Bartolo, li huma l-eredi tad-decujus Fortunato Vella, isostnu fil-mertu li l-wirt ta' Fortunato Vella ma kellu ebda beni (xejn attiv iżda biss passività) u li dwar dan, l-attriċi nomine kienet ġiet debitament informata żmien qabel ma ġiet preżentata l-kawża u għalhekk, din l-istanza ġiet preżentata inutilment.

Rat l-atti proċesswali.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Rat is-surroga datata 18 ta' Settembru 2014[1] fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum presjeduta.

Semgħet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-9 ta' Marzu 2007 din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat sentenza parzjali[2] dwar l-ewwel erba' (4) eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fejn ċaħdet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet, b'dan li l-attriċi nomine ngħatat żmien xahar sabiex tippreżenta nota li fiha tindika l-iskop għalih riedet li tipproduċi kull xhud li hi elenkat fil-lista tax-xhieda tagħha.

[1] A fol. 434
[2] A fol. 43-50

Fil-5 ta' Diċembru 2007 ġie ppreżentat rikors[3] sabiex il-Qorti jogħġobha tordna li l-atti tal-kawża odjerna jiġu trasfużi f'isem Wallace Vella li sar maġġoreni. Il-konvenut Joseph Vella għal kull buon fini ddikjara li ma joġġezzjonax għat-talba. Il-Qorti laqgħet it-talba.[4]

**PROVI**

Illi fit-12 ta' Mejju 2008[5] in-Nutar Pierre Falzon xehed li fid-9 ta' Jannar 2001 Fortunto Vella għamel testment[6] fejn ħassar it-testmenti kollha li seta' kien għamel qabel, u ħalla bħala eredi universali in parti lit-tifel Joseph Vella u in parti lit-tifla tiegħu Mary Bartolo. L-attur Wallace Vella mhuwiex imsemmi f'dan it-testment. Fortunato Vella miet fit-8 ta' Diċembru, 2001[7].

Illi n-Nutar Falzon xehed ukoll li skont it-testment ta' Fortunato Vella, Testment tad-9 ta' Jannar 2001, it-Tieni Artikolu: it-testatur ħalla bħala legat lin-neputija tiegħu Maria Bartolo il-garage bl-isem "Marjoe Garage", Triq Toni Bajada, Naxxar in piena assoluta proprjetà.

Illi n-Nutar Falzon xehed ukoll li skont it-Tielet Artikolu tal-istess testment, id-decujus Fortunato Vella ħalla bħala legat lin-neputi tiegħu Antoine Bartolo is-somma ta' Lm15,000.

Illi n-Nutar Pierre Falzon xehed ukoll li skont ir-Raba' Artikolu tal-istess testment, Fortunato Vella nnomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu u padruni assoluti tal-ġid kollu tiegħu lil ibnu Joseph Vella għall-55% u lil bintu Mary Bartolo għal 45%.

---

[3] A fol. 56.
[4] A fol. 56.
[5] A fol. 59-60.
[6] A fol. 61-62.
[7] Ara ċ-ċertifikat tal-mewt esebit bħala Dok. B anness maċ-ċitazzjoni attriċi, a fol. 5.

Illi fil-5 ta' Ottubru 2010 l-attur permezz ta' nota[8], ippreżenta kemm ir-riċerki testamentarji pubbliċi[9] u kif ukoll ir-riċerki testamentarji sigrieti[10] ta' Fortunato Vella, minn fejn irriżulta li t-testment tad-9 ta' Jannar 2001 kien l-aħħar testment li sar mid-decujus Fortunato Vella.

Illi waqt is-smigħ tat-8 ta' Novembru 2010, Audrey Ghigo rappreżentata tal-HSBC Bank Malta plc, xehdet[11] li minn tfittxija li saret fid-database tal-bank bl-ID Nru. 604521(M), ma rriżultax li Fortunato Vella għandu xi kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc.

Illi waqt is-smigħ tal-24 ta' Marzu 2011, Romuald Attard, rappreżentant tal-Bank of Valletta, xehed[12] li minn riċerka li saret bl-ID Nru. 604521(M), irriżulta li Fortunato Vella kellu kont mal-BOV, imma dan il-kont kien ingħalaq fil-5 ta' April, 1999 meta kellu bilanċ ta' Lm81.

Illi waqt is-smigħ tal-24 ta' Marzu 2011, Wallace Vella permezz ta' nota[13] ppreżenta kopja tar-riċerki tal-mejjet Fortunato Vella.

Illi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ġunju 2011, Jeanette Lepre bħala rappreżentanta tal-Lombard Bank xehdet[14] li minn riċerka li saret fuq l-isem ta' Fortunato Vella bl-ID Nru. 604521(M), instab li dan ma kellu ebda kontijiet ma' dan il-bank.

Illi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ġunju 2011, David Galea għan-nom ta' APS Bank Limited, xehed[15] li għamel riċerka bl-ID No 604521(M) u anki bl-isem ta' Fortunato Vella u rriżulta li dan ma kellux kontijiet ma' dan il-bank.

[8] A fol. 108-277.
[9] A fol. 80-86.
[10] A fol. 87.
[11] A fol. 92-93.
[12] A fol. 96-98.
[13] A fol. 108-277.
[14] A fol. 286.
[15] A fol. 287.

Illi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ġunju 2011, l-attur permezz ta' nota[16] ippreżenta r-riċerki tal-konvenuti Joseph Vella u ta' Mary Bartolo.

Illi waqt is-smigħ tal-11 ta' Ottubru 2011, Dr. Claudette Fenech in rappreżentanza tal-MFSA xehdet[17] dwar l-ishma reġistrati fuq isem Joseph Vella u xehdet ukoll li ma kien hemm ebda ishma reġistrati fuq isem Mary Bartolo.

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Novembru 2011 fejn din il-kawza ġiet differita 'sine die'.[18]

Illi fis-17 ta' April 2012[19] l-attur ippreżenta rikors biex il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi u tiġi appuntata għas-smigħ.

Illi fid-19 ta' April 2012, il-Qorti laqgħet it-talba u rriappuntat il-kawża għas-smigħ.[20]

Illi waqt is-smigħ tal-11 ta' Diċembru 2012, l-attur Wallace Vella xehed[21]: "jien dort ir-riċerki kollha u jirriżulta li wara l-mewt ta' missieri kien hemm żewġ proprjetajiet biss minn dawn kollha li kienu għadhom fl-istess stat li nxtraw li huma terran fil-Gżira li pressapoco għaxar (10) snin ilu kien biegħu lill-istess ommi, però dan il-kuntratt qatt ma ġie reġistrat għal xi raġuni jew oħra... u barra dan kien hemm propjetà oħra ta' madwar ħamsa u għoxrin (25) qasba kwadra bħala kejl, fin-Naxxar".

[16] A fol. 288-299 u a fol. 386-391.
[17] A fol. 392-394.
[18] A fol. 401.
[19] A fol. 402.
[20] A fol. 403.
[21] A fol. 409-415.

Illi skont il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2012[22], il-kawża kienet differita sabiex l-attur jippreżenta prospett li fih jindika x'kienu l-assi tal-mejjet Fortunato Vella, u liema assi għandhom jiġu valutati sabiex tiġi stabbilita l-eventwali leġittima li tista' tkun dovuta lill-attur.

Illi skont il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, il-kawża ġiet differita għall-provi kollha li kien fadal tal-attur u bl-obbligu fuq l-attur li fi żmien xahar jippreżenta l-prospett indikat fil-verbal tal-aħħar seduta.

Illi skont il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2013[23], il-Qorti rrilevat li l-attur naqas li jippreżenta l-prospett indikat fil-verbal tal-aħħar seduta. Il-Qorti irrilevat ukoll illi l-attur ingħata diversi opportunitajiet biex jippreżenta l-prospett, li skont l-aħħar verbal kellu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard mill-21 ta' April 2013. Dr Robert Galea għall-attur talab differiment sabiex jekk ikun il-każ, isiru inkontri mal-kontroparti sabiex possibilment jintlaħaq ftehim. Fin-nuqqas jitlob in-nomina ta' perit arkitett biex jagħmel stima tal-propjetajiet, li jirriżulta li huma appartenenti lill-wirt inkwistjoni.

Illi permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Ġunju 2013, l-attur iddikjara li l-porzjon riżervat spettanti lilu skont il-liġi għandu jinħadem skont il-valur tas-segwenti proprjetajiet li jirriżulta li kienu jiffurmaw parti mill-patrimonju tad-decujus Fortunato Vella mal-ftuħ tas-suċċessjoni:

(1) Garage bl-isem Maryjoe Garage fi Triq Toni Bajada, Naxxar, li mit-testment jirriżulta li kien gie mħolli b'legat lil Mary Bartolo;

(2) Lm15,000 ekwivalenti ghal EUR 34,940,60 bhala legat imħolli lil Antoine Bartolo;

[22] A fol. 408.
[23] A fol. 418-419.

(3) Prozjon art fabrikabbli mill-għalqa imsejħa 'tal-Qiegħed', in-Naxxar, tal-kejl circa ta' 112m² magħrufa bħala prozjon Nru 11;

(4) Terran bil-basement fil-Gżira, Nru. 36, Triq Luqa Briffa.

Illi skont il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013[24] Dr. Aldo Vella għall-konvenuti b'referenza għan-nota tal-attur a fol. 421 tal-proċess, iddikjara li t-terran bil-basement nru. 36, Triq Luqa Briffa, Gżira kien ġie trasferit mid-decujus lil Dorothy Baldacchino, omm l-attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar tas-27 ta' Lulju, 1991 u insinwat fil-5 ta' Settembru 1991 (Nota ta' Insinwa Nru. 12456/91). Għar-rigward il-garage "Marjoe Garage", Triq Toni Bajada, Naxxar, dan qatt ma kien jappartjeni lid-decujus. Rigward prozjon ta' art "Tal-Qiegħed", Naxxar, il-konvenuti ddikjaraw li m'għandhom l-ebda informazzjoni dwar din l-art u finalment iddikjaraw li d-decujus ma ħalla ebda flus bankarji u l-ebda depożiti.

Illi skont il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2014[25]: Dr. Aldo Vella għall-konvenuti, ikkonferma l-informazzjoni li kien ta lill-Qorti kif verbalizzata fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013. Dr Aldo Vella informa wkoll lill-Qorti, li fin-nota tal-attur hemm indikat legat ta' flus kontanti mħolli lil Antonie Baldacchino ammontanti ghal Lm15,000 u f'dan ir-rigward jiddikjara li fil-ħin li miet id-decujus ma kien hemm l-ebda flus kontanti.

Illi għar-rigward tal-garage 'Maryjoe', Triq Toni Bajada, Naxxar, il-konvenut Joe Vella iddikjara li l-istess garage illum jappartjeni lilu u lil oħtu Maria Bartolo u dan kien ġie mixtri minnhom mingħand terzi u ta' dan kollu Dr Aldo Vella irriżerva li jipproduċi prova. Dr. Aldo Vella ipprometta li fis-seduta li jmiss jesebixxi kopja tad-denunzja relattiva għad-decujus.

Illi skont il-verbal tas-seduta tas- 16 ta' Mejju 2014, Dr. Aldo Vella fir-rigward tal-immobbli indikat bħala Item No. 1 fin-nota tal-attur (a fol. 421) ikkonferma li kif hemm indikat fil-verbal preċedenti dan il-fond illum japparjenti liż-żewġ konvenuti li kienu akkwistawh fl-

[24] A fol. 423.
[25] A fol. 425-426.

1972 mingħand iz-zija tagħhom min-naħa tal-omm, ċerta Dolores Falzon kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius tat-12 ta' Mejju 1972[26].

Illi inoltre Dr. Aldo Vella informa lill-Qorti li skont l-assistiti tiegħu ma kinitx saret denunzja relattiva għall-mewt ta' Fortunato Vella peress li ma kien hemm l-ebda beni ta' flus kontanti u immobbli li kellhom jiġu denunzjati.

Illi waqt it-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, Dr Aldo Vella għall-konvenuti ddikjara li mhuwiex ikkontestat li decujus ħalla l-garage 'Maryjoe', Triq Toni Bajada, Naxxar bħala legat, imma dan il-garage qatt ma kien jifforma parti mill-patrimonju tad-decujus, la fil-mument tal-mewt u lanqas qabel. Għar-rigward tal-porzjon numru 11, mill-għalqa imsejħa 'tal-Qiegħed', Naxxar, jekk teżisti, trid tiġi identifikata mill-attur u għandu jgħid kemm tiswa. Rigward il-legat tal-Lm15,000, Dr. Aldo Vella għall-konvenuti tenna li fil-mument tal-mewt tad-decujus la kien hemm flus id-dar u lanqas depożiti.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>**

Illi l-leġittima, ossija s-sehem riżervat, huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj. Dan il-jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet.[27]

Illi s-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd.

[26] A fol. 429-433.
[27] L-Artikolu 615(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi s-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.[28]

Illi s-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.[29] Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.[30]

Illi l-ġurista Taljan Valerio Noventa [31] ifisser il-leġittima bħala:

> *"...il diritto di successione che spetta agli stretti congiunti anche contro la volontà del defunto....Ai legittimari la legge garantisce in via successoria una quota di valore della massa fittiziamente formata dai beni dell'asse ereditario e dai beni donati in vita del defunto...Per derterminare la legittima spettante in concreto ai legittimari si calcola il valore dei beni ereditari relitti, si detrae l'ammontare dei debiti ereditari e si aggiunge il valore dei beni donati dal defunto. Il valore dei beni relitti e dei beni donati deve essere determinato con riferimento al tempo dell'apertura della successione".*

Illi m'hemmx dubju li l-attur Wallace Vella bħala wieħed mit-tlett ulied tal-mejjet Fortunato Vella, għandu dritt għas-sehem riżervat, ċjoè l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat għad-dixxendenti tal-mejjet.

Illi f'dan il-kaz l-ulied tad-decujus Fortunato Vella huma tlieta u għalhekk is-sehem riżervat għall-attur jinħadem fuq terz (1/3) l-assi ereditarji li jinqasam bejn it-tliet ulied, ċjoè sehem ta' wieħed minn disgħa (1/9) tal-assi ereditarji tad-decujus.

---

[28] L-Artikolu 616 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[29] L-Artikolu 620(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[30] L-Artikolu 620(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[31] Il Diritto Civile – Manuale per lo studio e l'approfondimento – CasaEditriceLaTribuna 2002, p. 435.

Illi madankollu l-attur Wallace Vella ma rnexxilux jipprova b'xi mod li missieru Fortunato Vella kellu xi assi li fuqhom seta' jiġi kkalkulat is-sehem riżervat għalih. Għal kuntrarju mill-provi prodotti mill-attur, irriżulta li Fortunato Vella ma kellu ebda flus depożitati mal-banek. Lanqas ma ġie ppruvat li Fortunato Vella kellu xi flus kontanti d-dar fiż-żmien tal-mewt tiegħu. Ma saritx lanqas il-prova ta' x'seta' ddispona minnu d-decujus b'titolu gratuwitu matul ħajtu favur ta' xi ħadd għall-finijiet tal-Artikolu 620(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwantu għal proprjetà immobbli, it-tentattivi tal-attur sabiex tiġi identifikata proprjetà li abbażi tagħha jkun jista' jkun ikkalkulat is-sehem riżervat lill-attur, ukoll fallew sfortunatament għalih.

Illi permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Ġunju 2013 l-attur iddikjara li s-sehem riżervat lilu skont il-liġi għandu jinħadem skont il-valur ta' tlett proprjetajiet li hu indika bħala li kienu jiffurmaw parti mill-patrimonju tad-decujus Fortunato Vella mal-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu: (i) Maryjoe Garage, Triq Toni Bajada, Naxxar; (ii) porzjon art fabbrikabbli mill-għalqa msejħa 'Tal-Qiegħed, in-Naxxar; (iii) terran bil-basement, Nru. 36, Triq Luqa Briffa, Gżira.

Illi attur ma rnexxilux jipprova li dawn il-proprjetajiet kienu jiffurmaw parti mill-patrimonju ta' Fortunato Vella mal-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu. Għall-kuntrarju rriżulta mill-provi li Maryjoe Garage fi Triq Toni Bajada, Naxxar qatt ma kien jifforma parti mill-patrimonju ta' Fortunato Vella, la matul ħajtu u lanqas mal-mewt tiegħu, imma kien ġie akkwistat mill-konvenuti mingħand iz-zija materna tagħhom fit-12 ta' Mejju 1972 permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Emanuele Agius.

Illi kwantu għat-terran bil-basement f'Nru. 36, Triq Luqa Briffa, Gżira, dan kien ġie trasferit minn Fortunato Mizzi lil omm l-attur Dorothy Baldacchino b'kuntratt tas-27 ta' Lulju 1991, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar.

Illi kwantu għal prozjon art fabbrikabbli mill-għalqa msejħa 'Tal-Qiegħed', in-Naxxar, dan la ġie identifikat mill-attur bħala parti mill-patrimonju tad-decujus Fortunato Vella, u wisq inqas seta' jiġi valutat biex jiġi wżat bħala bażi għall-kalkolu tas-sehem riżervat għalih.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova – "probatio onus petitoris".

Illi kif ġie konstatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Joseph Zammit vs Joseph Hili**[32]: "Ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi li l-*'onus probandi',* (il-piż tal-prova) huwa fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah – *"ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat";*

Illi l-attur f'din il-kawża qiegħed essenzjalment jagħmel tlett talbiet fiċ-ċitazzjoni, li huwa bħala iben il-mejjet Fortunato Vella għandu dritt għal-leġittima (sehem riżervat) mill-ġid illi ħalla l-mejjet Fortunato Vella, li għandu jiġi likwidat is-sehem li jmissu l-attur bħala leġittima u li l-konvenuti għandhom jiġu kundannati jħallsu lill-attur is-sehem hekk likwidat.

Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet, evidentement l-attur naqas li jippreżenta provi li l-mejjet Fortunato Vella ħalla xi ġid ta' assi mobbli jew immobbli, li minnu tista' titħallas il-leġittima li kien ikun intitolat għalija l-attur Wallace Vella.

Illi din il-Qorti tissimpatizza mal-isforzi li għamel l-attur biex permezz ta' din il-kawża jasal f'punt li jkun jista' jgawdi ftit mill-ġid ta' missieru għall-inqas wara ħajtu, tenut kont tal-fatt li mir-riċerki ta' Fortunato Vella esebiti fl-atti[33] irriżulta li dan kellu ġid kbir aktar matul ħajtu. Madankollu l-piż tal-prova li jiġi ssostanzjat dak li ġie allegat mill-attur, ċjoè li Fortunato Vella

[32] Volum XXXVII - I - 578
[33] A fol. 108-277 tal-proċess.

ħalla xi ġid wara mewtu minfejn tista' tħallas il-leġittima pretiża mill-attur, kien kollu fuq l-attur, u fuq hadd aktar, xi ħaġa li l-attur assolutament ma rnexxilux jagħmel.

Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, din il-Qorti tqis li l-attur Wallace Vella għalkemm irnexxilu jipprova li bħala iben il-mejjet Fortunato Vella għandu dritt għal-leġittima mill-ġid tal-istess Fortunato Vella wara mewtu, l-attur ma rnexxilux jipprova l-eżistenza ta' dan il-ġid u l-konsistenza tiegħu.

**<u>DECIDE</u>**

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba tal-attur, tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.**

**Spejjeż ġudizzjarji bejn il-partijiet jibqgħu bla taxxa.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------